— fil-każ li l-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell jintervjenu fil-kawża, tikkundannhom għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent kemm fil-proċedura ta' appell quddiem l-EUIPO kif ukoll fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2016 – Metronia vs EUIPO – Zitro IP (TRIPLE O NADA)

## (Kawża T-159/16)

(2016/C 211/75)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Metronia, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A. Vela Ballesteros, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Zitro IP Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "TRIPLE O NADA" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 603 529

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-15 ta' Frar 2016, fil-Każ R 2605/2014-4

**Talbiet**

— tilqa' r-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-15 ta' Frar 2016, billi tippermetti r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja li għaliha saret l-applikazzjoni.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' April 2016 – Centro Clinico e Diagnostico G.B. Morgagni vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-172/16)

(2016/C 211/76)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Centro Clinico e Diagnostico G.B. Morgagni SRL (Catania, l-Italja) (rappreżentanti: E. Castorina, avukat)